MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 2078/2000/1

**Avukat Dr. Tony De Gaetano u Josette De Gaetano**

**v.**

**Raymond u Patricia Farrugia**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li l-atturi pprezentaw fit-28 ta' Settembru 2000, u li taqra hekk:

> "Peress illi l-atturi huma proprjetarji tal-fond "Il-Gnejna" Triq F. Castagna, il-Gudja;
>
> "Peress illi l-istess konvenuti kawza tal-hsarat li ghandhom fis-sistema tad-drenagg fil-proprjeta` taghhom adjacenti ma' dik tal-atturi u cioe` "Qalb ta' Gesu`", Triq F. Castagna, Gudja, qed jikkawzaw hsarat kbar fil-proprjeta` tal-atturi li tinsab f'livell aktar l-isfel minn dik tal-konvenuti, u partikolarment fil-madum tan-*dining room* u tas-salott, fis-saqaf tal-*basement garage* u fil-hitan tal-*basement garage*, kif ukoll fil-hsarat li qed jigi kkawzat bl-umdita` li diehla minhabba tali skular ta' ilma, apparti l-ispejjez tal-atturi kellhom jinkorru biex jaghmlu xoghlijiet rimedjali minhabba tali hsarat;
>
> "Peress illi wkoll illi l-istess konvenuti ghamlu zvilupp illegali fil-proprjeta` taghhom wara falsifikazzjoni ta' pjanti lill-Awtorita` tal-Ippjanar, liema xoghlijiet ikkawzat hsarat fil-proprjeta` tal-atturi u gieghlu minhabba tali hsarat lill-atturi jidhlu fi spejjez minhabba xoghlijiet rimedjali urgenti, liema spejjez l-istess konvenuti kienu weghdu li jirrifondu lill-atturi izda baqghu inadempjenti;
>
> "Peress illi bl-istess xoghlijiet illegali, l-istess konvenuti kkonvertew hajt singlu li kien bejn zewg binjiet fuq u isfel, f'hajt singlu bejn il-binja tal-atturi u llum bitha tal-konvenuti kontra l-ligijiet sanitarji u l-Kodici Civili, u rrendu lill-atturi suggetti ghal umdita` kontinwa fix-xitwa;
>
> "Peress illi l-istess konvenuti hallew sigar u dwieli ezatt mal-hitan divizorju bejn il-gnien tal-konvenuti u l-bini tal-atturi, b'mod li qed jikkrejaw hsarat lill-hajt

divizorju u l-bini tal-atturi apparti li ma jippermettux lill-istess atturi jaghmlu tiswijiet regolari fil-hitan divizorji;

“Peress illi l-istess konvenuti hallew hamrija tingemgha mal-appoggi tal-bini tal-atturi u minhabba f’hekk qed jiskula ilma tax-xita fil-proprjeta` tal-atturi, li nkorru fi spejjez biex jaghmlu xoghlijiet rimedjali temporanji;

“Peress illi l-istess konvenuti hallew katusi tal-ilma u tax-xita jmissu mal-hitan tal-appoggi fejn hemm il-bini tal-atturi u ma’ segwewx id-distanzi legali u qed jikkawzaw hsarat lill-atturi;

“Peress illi l-istess konvenuti appoggaw mal-hitan divizorji tal-atturi u ghalkemm weghdu li ser ihallsu l-appoggi, baqghu inadempjenti biex jersqu ghal-likwidazzjoni u eventwali hlas;

“Peress li l-istess konvenuti meta l-atturi kienu msiefrin, qatghu vent tal-*aeriel* tat-television li kien twahhal bi ftehim u hlas lis-sid precedenti tal-bini illum proprjeta` tal-konvenuti, u cioe` Twanny Farrugia bi skrittura datata 19 ta’ Frar 1988, u minhabba f’hekk l-atturi inkorrew fi spejjez;

“Peress illi l-atturi interpellaw diversi drabi lill-konvenuti biex jirrimedjaw u jhallsu lill-atturi l-ispejjez, danni u appoggi izda l-istess baqghu inadempjenti u sahansitra ma wiegbux ghal ittra bonarja datata 21 ta’ Awwissu 2000 li biha gew debitament notifikati u lanqas ghal protest gudizzjarju tal-31 ta’ Awwissu 2000, li bih ukoll gew debitament notifikati;

“Jghidu ghalhekk l-istess konvenuti ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

“1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni sofferti minn l-atturi kawzati minhabba hsarat li l-konvenuti ghandhom fis-sistema tad-drenagg tal-proprjeta` taghhom “Qalb ta’ Gesu`” Triq F. Castagna Gudja.

“2. Tillikwida l-istess danni sofferti minhabba tali hsarat, jekk hemm bzonn permess tal-opera ta’ periti nominandi.

"3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu d-danni hekk likwidati.

"4. Tordna lill-istess konvenuti, jekk hemm bzonn taht is-sorveljanza ta' periti nominandi, isewwu s-sistema tad-dranagg taghhom, stante li din qed tikkawza hsarat lill-atturi kif inghad, u dan fi zmien qasir u perentorju, u fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jaghmlu huma x-xoghlijiet necessarji, u dan a spejjez tal-konvenuti.

"5. Tiddikjara illi l-bini proprjeta` tal-atturi, gie kkagunat lilu hsarat u dan minhabba fl-izvilupp inkors mill-konvenuti fil-proprjeta`, u dan kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

"6. Tillikwida d-danni hekk sofferti minn l-atturi minhabba l-izvilupp imsemmi, okkorrendo b'perit nominandi.

"7. Tordna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati.

"8. Tiddikjara illi l-binja tal-konvenuti li rrendiet il-hajt divizorju, min-naha, singlu in arja, tmur kontra l-ligijiet sanitarji u l-Kodici Civili.

"9. Tordna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju, jekk hemm bzonn taht is-sorveljanza ta' perit nominat minn din il-Qorti, jibnu l-hajt divizorju singlu li thalla in arja f'wiehed dobblu u dan sabiex tali binja tkun konformi mal-Ligijiet sanitarji u l-Kodici Civili.

"10. Tordna lill-konvenuti li jnehhu s-sigar, dwieli u katusi mal-hajt tal-appogg, fi zmien qasir u perentorju, jekk hemm bzonn taht is-sorveljanza ta' perit nominat minn din il-Qorti, u dan stante li l-konvenuti ma rrispettawx id-distanzi kif tistipula l-ligi.

"11. Tiddikjara li l-istess konvenuti ghandhom ihallsu hlas ta' appoggi lill-istess atturi u tillikwida l-istess ammonti bl-opera ta' periti nominandi.

“12. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-ammont hekk likwidat ghas-sehem taghhom tal-appoggi.

“13. Tordna lill-konvenuti sabiex inehhu l-hamrija minn mal-proprjeta` tal-atturi, liema hamrija tpoggiet mill-konvenuti, liema xoghlijiet ghandhom isiru jekk hemm bzonn taht is-supervizjoni ta’ periti nominandi, fi zmien qasir u perentorju u fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jaghmlu dan a spejjez tal-konvenuti.

“14. Tordna lill-konvenuti, sabiex fi zmien qasir u perentorju, jekk hemm bzonn taht is-supervizjoni ta’ perit nominat minn din il-Qorti, li jaghmlu dawk ix-xoghlijiet necessarji sabiex ma’ jibqax ikun hemm perkolazzjoni ta’ ilma minn gol-proprjeta` tal-konvenuti ghal gol-proprjeta` tal-atturi, u fin-nuqqas li x-xoghol imsemmi jsir minn l-atturi a spejjez tal-konvenuti.

“15. Tillikwida l-ispejjez kollha nkorsi minn l-atturi u l-hsarat minhabba sigar, dwieli, katusi mqeghdin mhux skont id-distanzi legali, minhabba hamrija u perkolazzjoni ta’ ilma mill-proprjeta` tal-konvenuti u minhabba l-qtugh illegali ta’ vent ta’ *aerial* tat-*television*.

“16. Tordna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma hekk likwidata.

“Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest datat 31 ta’ Awwissu 2000 u bl-imghax relattiv kontra l-istess konvenuti li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

“1. Illi t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

“2. Illi kwalunkwe hsara li qeghda tigi allegata mill-atturi fis-sistema tad-drenagg tal-konvenuti giet ikkawzata mill-atturi stess meta qattghu l-blat mal-appogg tal-konvenuti minghajr ma hallew id-distanzi rikjesti mil-ligi;

“3. Illi l-konvenuti ma kkawzaw l-ebda danni fil-proprjeta` tal-atturi kif qieghed jigi allegat mill-atturi;

“4. Illi kwalunkwe zvilupp jew bini fil-proprjeta` tal-konvenuti saret skont pjanti approvati mill-Awtoritajiet koncernati u ma hemm l-ebda zvilupp illegali fil-proprjeta` tal-konvenuti;

“5. Illi kwalunkwe pjanta li giet ipprezentata quddiem l-Awtoritajiet koncernati jirriflettu l-izvilupp tal-fond proprjeta` tal-konvenuti u ma hemm l-ebda falsifikazzjoni ta’ pjanti;

“6. Illi l-hajt inkwistjoni mhuwiex hajt singlu u dan stante li man-naha tal-istess atturi hemm ukoll qoxra ohra;

“7. Illi l-atturi rridu jindikaw il-ligijiet sanitarji u dawk l-artikoli tal-Kodici Civili li jirrindu illegali hajt singlu bejn bitha u bini;

“8. Illi l-konvenuti bnew skont ir-rekwiziti kollha tar-regolament sanitarji u tal-ligi u anke taht id-direzzjoni ta’ periti esperti;

“9. Illi t-talba tal-atturi fir-rigward tas-sigar u dwieli imhawla fil-gnien tal-konvenuti hija infondata u s-sigar u dwieli msemmija mill-attur kienu kollha mizrugha mill-proprjetarju ta’ qabel ghal diversi snin u ma jikkrejaw l-ebda danni fil-hajt divizorju jew fil-proprjeta` tal-atturi. Il-konvenuti jinnotaw ukoll li l-atturi ghandhom diversi sigar u dwieli mhawla mhux skont id-distanza legali;

“10. Illi l-konvenuti ma hallew l-ebda hamrija tingemgha mal-appoggi izda din il-hamrija kienet tezisti qabel ma l-atturi bnew il-fond taghhom u li l-ebda danni ma gew kkaggunati mill-konvenuti f’dak li jirrigwarda skular ta’ ilma tax-xita fil-proprjeta` tal-atturi;

"11. Illi l-premessa tal-atturi rigward katusi ta' ilma u tax-xita hija infondata fil-fatt kif ukoll fil-ligi u dan stante li l-istess katusi tqeghdu kif rikjest mil-ligi u huma tat-tip li ma jippermettux id-dhul ta' umdu fil-hajt kif ukoll gew uzati l-mezzi kollha necessarji sabiex jittiehdu l-prekawzjonijiet necassarji kontra dan u in oltre l-atturi stess kienu qeghdin jikkawzaw dawn id-danni tant li biddlu l-katusi fil-fond taghhom wara li giet ipprezentata din ic-citazzjoni;

"12. Illi l-konvenuti kemm 'il darba talbu lill-atturi sabiex jirraprezentawlhom l-ammont li huma qeghdin jitolbu bhala hlas ta' appogg, izda l-istess atturi dejjem naqsu li jaghmlu dan;

"13. Illi l-atturi ma ghandhom ebda dritt fil-ligi u fil-fatt sabiex iwahhlu vent ta' *aerial* fuq proprjeta` tal-konvenuti u ma tezisti l-ebda servitu` rigward dan;

"14. Illi l-konvenuti qatt ma ghamlu xi atti li b'xi mod seta' tnehha xi vent tal-*aerial* tal-atturi u l-atturi minkejja diversi interpellanzi da parti tal-konvenuti sabiex jinghataw kopja tal-kuntratt jew skrittura allegata, l-atturi qatt ma taw kopja ta' dan lill-konvenuti;

"15. Illi huwa infondat il-premessa li l-konvenuti qatt ma wiegbu ghall-ittri u protesti pprezentati mill-atturi u dan kif jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

"16. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 2011, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:

"i. tgħid illi saret ħsara fil-fond tal-atturi bl-isem ta' *Il-Ġnejna* fi Triq F. Castagna, il-Gudja minħabba l-iżvilupp li għamlu l-konvenuti fil-fond tagħhom bl-isem *Qalb ta' Ġesù* fl-istess triq, u tgħid illi l-konvenuti għandhom iwieġbu għall-ħsarat li ġarrbu l-atturi fil-fond tagħhom;

"ii. tikkundanna lill-konvenuti jagħmlu, bi flushom, ix-xogħlijiet u t-tiswijiet kollha msemmija fil-para. 12.ii sa 12.v ta' din is-sentenza u dan fi żmien xahrejn minn meta din is-sentenza ssir finali, u taħtar lill-A.I.Ċ. Joseph Ellul Vincenti sabiex ix-xogħlijiet isiru taħt id-direzzjoni tiegħu;

"iii. jekk il-konvenuti jonqosu milli jagħmlu x-xogħlijiet fuq imsemmija fiż-żmien li ngħatalhom, tagħti lill-atturi s-setgħa li jagħmlu huma, jew iqabbdu lil min jagħmel, ix-xogħlijiet meħtieġa, taħt id-direzzjoni tal-istess perit ġudizzjarju, u tikkundanna lill-konvenuti iħallsu lill-atturi d-drittijiet tal-perit kif ukoll is-somma ta' elf, mitejn u tmienja u disgħin euro (€1,298) biex tagħmel tajjeb għan-nefqa;

"iv. tikkundanna lill-konvenuti wkoll iħallsu lill-atturi ħamsa u għoxrin ċenteżmu u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€25.48) bħala kumpens għall-appoġġ.

"16. Billi l-kawża twalet aktar milli meħtieġ ukoll għax l-atturi ma għarfux jirregolaw sew ix-xiehda tagħhom u ressqu ħafna xiehda irrelevanti għall-meritu, huwa xieraq illi jħallsu sehem mill-ispejjeż. Għalhekk l-ispejjeż tal-kawża għandhom jinqasmu hekk: sehem minn erbgħa (¼) jħallsuh l-atturi u tliet ishma minn erbgħa (¾) jħallsuhom il-konvenuti, iżda d-drittijiet tal-perit ġudizzjarju biex jissorvelja x-xogħlijiet li għandhom isiru għandhom iħallsuhom il-konvenuti waqt illi d-drittijiet tat-tieni rapport tal-perit għandhom iħallsuhom l-atturi."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"6. Fil-qosor, il-fatti huma dawn: Il-partijiet huma ġirien u ilhom hekk għal madwar ħmistax-il sena. Fis-sena 1998 il-konvenuti riedu jiżviluppaw ġidhom u jagħmlu xi alterazzjonijiet strutturali fuq ġewwa. L-atturi jgħidu illi minħabba f'dan l-iżvilupp li għamlu l-konvenuti – li jgħidu wkoll illi ma sarx bil-permessi meħtieġa – saru ħafna ħsarat fid-dar taghhom illi tiġi biswit dik tal-konvenuti. Barra minn hekk, l-atturi jgħidu wkoll illi l-konvenuti appoġġaw mal-proprjetà tagħhom u ma ħallsux ta' hekk.

"7. Qabel ma tqis il-mertu, il-qorti sejra tagħmel xi osservazzjonijiet dwar żewġ ilmenti li ġew imqanqla mill-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom. Il-konvenuti qegħdin igħidu illi nkiser il-jedd tagħhom għal smigħ xieraq għax ma saritx traskrizzjoni ta' xi xiehda, u, għalhekk, ix-xiehda mhix parti mill-atti ta' din il-kawza, u jgħidu wkoll illi l-atturi tħallew iġibu dokumenti meta l-ġbir tal-provi tagħhom kien magħluq.

"8. Dwar l-ewwel ilment, il-qorti tosserva illi dan huwa dwar xiehda li ngħatat quddiemha fis-26 ta' Marzu 2004 u li ma ġietx traskritta għax ma setgħetx tinstema' fuq is-sistema elettro-manjetiku ta' reġistrazzjoni[1]. Minn dak iz-zmien 'l hawn il-konvenuti kellhom kull opportunità u okkażjoni biex jerġgħu jħarrku lix-xhieda u, jekk naqsu milli jagħmlu hekk, *imputent sibi*. Dan ma huwiex każ fejn traskrizzjoni ma ddaħħlitx fil-proċess u ngħatat sentenza bla ma l-qorti u l-partijiet jintebħu b'dan in-nuqqas; l-atti stess jivverbalizzaw il-fatt, il-partijiet kienu mgħarrfa u, kieku riedu, setgħu irrimedjaw.

"9. Dwar il-produzzjoni ta' dokumenti mill-atturi wara l-għeluq tal-provi taghhom, il-konvenuti għandhom raġun. Dawn id-dokumenti nġiebu meta l-provi tal-atturi kienu ġà magħluqa u, barra minn hekk, huma ghal kollox irrelevanti għall-għanijiet tal-kawża, kif, wara kollox, stqarr l-attur stess[2]. Il-qorti għalhekk mhijiex sejra tqishom u qiegħda tordna li d-dokumenti eżebiti mill-atturi fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2008 quddiem l-assistent ġudizzjarju bħala dok. MB1 u dok. MB2 jitneħħew mill-inkartament.

"10. Ngħaddu issa għall-meritu. Essenzjalment, il-kwistjoni ewlenija hija dwar jekk il-konvenuti, bħala sidien ta' proprjetà immobbli, ħarsux l-obbligu tagħhom li jżommu l-proprjetà tagħhom fi stat li ma tagħmilx ħsara lill-proprjetà tal-atturi ġirien tagħhom, jew jekk, minflok, minħabba n-nuqqas tal-konvenuti li jżommu ħwejjiġhom fi stat li ma jagħmilx ħsara lil ħaddieħor u wkoll li jżommu l-bogħod li jridu l-artt. 437 *et seqq.* tal-Kodiċi Ċivili, ġarrbu ħsara l-atturi. Hemm ukoll il-kwistjoni tal-kumpens illi jippretendu l-atturi talli l-konvenuti appoġġjaw il-bini tagħhom ma' dak tal-atturi. Minħabba n-natura teknika tal-każ, il-qorti kienet ħatret espert ġudizzjarju sabiex jirrelata dwar l-ilmenti tal-atturi u, jekk ikun il-

[1] *Foll.* 454 *et seqq.*
[2] *Fol.* 599.

każ, jagħmel stima tal-ħsarat, danni u kumpens, u tax-xogħol rimedjali meħtieġ[3].

“11. Wara li qieset sew l-atti kollha tal-kawża u r-rapport tal-espert ġudizzjarju, il-qorti hija tal-fehma illi lill-atturi seħħilhom juru illi ġarrbu danni bi ħtija tan-nuqqasijiet tal-konvenuti.

“12. Fl-ewwel rapport tiegħu[4], l-espert ġudizzjarju sab dan li ġej:

“i. Dwar l-appoġġ mal-bini tal-atturi, l-espert gudizzjarju qal illi “jirriżulta li l-konvenut ma għamel ebda użu aktar milli kien għamel qabel ħlief fejn estenda l-kamra fuq wara b’tul ta’ ħames piedi. Sa għoli ta’ għaxar (10) filati wieħed jassumi li kien ġà mħallas u għalhekk il-konvenut irid iħallas l-għoli ta’ żewġ filati oħra *plus* is-seba’ filati għoli tal-opramorta ... ... ...”[5] u dan kollu ġie kwantifikat fl-ammont ta’ wieħed u għoxrin lira u disgħa u tmenin ċenteżmu (Lm21.89), illum ħamsin euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€50.99). L-atturi għalhekk għandhom jitħallsu n-nofs, li jiġi ħamsa u għoxrin euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€25.48)[6]. Il-qorti taqbel ma’ din il-konklużjoni tal-perit u tagħmilha tagħha.

“ii. Dwar il-ħsara fil-fond tal-atturi minħabba s-sistema tad-drenaġġ tal-konvenuti, kien xehed ukoll Adrian Bonello, spettur tas-saħħa, fil-proceduri kriminali kontra l-konvenut[7], u qal illi s-sistema ta’ drenaġġ tal-konvenuti kien difettuż u kellu jissewwa. L-espert ġudizzjarju sab illi “għal xi żmien id-drenaġġ tal-konvenuti kien jagħmel l-ilma tant li jidher li kien tebba’ kemm parti mis-saqaf tal-*garage* kif ukoll parti mill-ħajt. Illum ma jidhirx li għadu jnixxi ilma u kull ma hemm bżonn hi tibjida tal-parti li ġiet effetwata”[8]. In-nefqa meħtieġa tkun ta’ ħamsin lira (Lm50.00c), daqs mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47)[9]. Il-qorti taqbel ukoll ma’ din il-konklużjoni tal-perit u tagħmilha tagħha.

---
3 *Fol*. 19.
4 *Foll*. 423 *et seqq.*
5 *Fol*. 426.
6 *Fol*. 429.
7 *Foll*. 104 *et seqq.*
8 *Fol*. 427.
9 *Fol*. 429.

"iii. Dwar il-ħajt li llum huwa singlu, u jekk dan huwiex kif iridu s-sengħa u l-arti, l-espert ġudizzjarju sab illi dan il-ħajt "sar singlu għax iż-żewġ naħat kienu ġew imsaqqfa u għalhekk dan il-ħajt ma kienx soġġett għal ilma tax-xita u riħ. F'xenarju bħal dan il-liġi sanitarja tippermetti ħajt singlu. Iżda l-konvenut reċentement waqqa' saqaf ta' fejn kellu t-taraġ għall-bejt u biddel din il-kamra minn tromba ta' taraġ għal bitħa interna li issa l-ħajt tad-disa' pulzieri kantun ġie espost għall-elementi u żgur li mhux aċċettabbli u permess mil-liġi sanitarja"[10]. L-espert kompla jgħid illi "F'każi bħal dawn in-norma hi li titla' qoxra ħajt oħra tas-sitt pulzieri jew disgħa biex b'hekk din tipproteġi l-appoġġ u ġġibu konformi mal-liġijiet sanitarji. Għaldaqstant il-konvenut għandu jtella' qoxra tal-ġebel jew *bricks* li tgħatti dik il-parti tal-appoġġ fejn qabel kien hemm it-tromba tat-taraġ"[11]. Fil-fehma tal-perit dan ix-xogħol jiġi jiswa mija u tmienja u sittin lira (Lm168), daqs tliet mija u wieħed u disgħin euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€391.33)[12]. Il-qorti taqbel ukoll ma' din il-konklużjoni tal-perit u tagħmilha tagħha.

"iv. Dwar it-tqegħid ta' ħamrija u materjal ieħor mal-ħajt diviżorju, l-espert ġudizzjarju qal illi "l-fond tal-konvenut hu xi żewġ filati/tlieta aktar 'il fuq minn dak tal-attur. Il-konvenut radam sal-livell tal-qatran tieghu ... ... ... tant li l-atturi a spejjeż tagħhom għamlu *vertical membrane* bejn il-qatranijiet orizzontali biex jipproteġu ż-żewg/tliet filati mirduma"[13]. Għalkemm ma jgħidx xi ħsara qiegħed iġarrab il-fond tal-atturi, l-espert ġudizzjarju jgħid illi bħala prekawzjoni għandu jinfetaħ kanal fil-ġnien tal-konvenuti u titwaħħal *membrane* fejn ma setgħetx issir qabel (minħabba s-siġra u l-liedna li sejrin jissemmew aktar 'il quddiem). L-espert ġudizzjarju jgħid illi dan ix-xogħol jiġi jiswa tmenin lira (Lm80), daqs mija u sitta u tmenin euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€186.35). Il-qorti taqbel ukoll ma' din il-konklużjoni teknika tal-espert ġudizzjarju u tagħmilha tagħha.

"v. Dwar is-siġra u l-liedna tal-konvenut illi hemm eżatt biswit il-ħajt tal-appoġġ, l-espert ġudizzjarju qal illi "s-siġra ... ... ... hi viċin wisq tal-ħajt u mhux skond il-liġi. Is-sottoskritt jgħid ukoll li l-liedna qiegħda xxeblek mal-ħajt tal-appogg u mhux biss qed tagħmel ħsara l-appoġġ iżda rrendiet diffiċli li ssir kull xorta ta' manutenzjoni fuq dan il-ħajt tal-appoġġ"[14].

10 *Fol.* 427.
11 *Fol.* 428.
12 *Fol.* 430.
13 *Foll.* 428 *et seq.*
14 *Fol.* 429.

"a. Kif juri wkoll ir-ritratt *a fol*. 442 is-siġra hija mħawla eqreb tal-ħajt milli jrid l-art. 437(1) tal-Kodici Civili li jgħid illi "Ħadd ma jista' jħawwel fil-fond tiegħu siġar ta' zokk għoli f'bogħod ta' anqas minn żewġ metri u erbgħin ċentimetru, jew siġar oħra f'bogħod ta' anqas minn metru u għoxrin ċentimetru, mill-linja li taqsam il-fond tiegħu mill-fond tal-ġâr." Għalhekk għandha titneħħa u l-ispejjeż biex dan isir – li l-espert ġudizzjarju jgħid illi jiġu tletin lira (Lm30) jew disgħa u sittin euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€69.88)[15] – għandhom iħallsuhom il-konvenuti.

"b. Dwar il-liedna, l-espert ġudizzjarju, meta wieġeb għall-mistoqsijiet li sarulu għall-eskussjoni, kompla fisser illi, "l-liedna llum inqatgħet minn taħt u fil-fatt nixfet jew qiegħda tinxef u għalhekk din tkun faċli li tinqala' minn mal-ħajt mingħajr ma ssir ħsara kbira"[16]. Biss, biex il-ħajt jerġa' jinġieb kif kien qabel, wara li titneħħa l-liedna, hija meħtieġa nefqa ta' mitt lira (Lm100) jew mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94).

"vi. B'kollox, id-danni u l-ispejjeż biex isiru t-tiswijiet fuq imsemmija jitilgħu għal disa' mija u sitta u disgħin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€996.97). Billi issa għadda xi żmien wara li rrelata l-perit, l-ispejjeż x'aktarx jiżdiedu u għalhekk il-qorti sejra tillikwidahom fis-somma ta' elf u mitt euro (€1,100) – żjieda ta' ftit aktar minn għaxra fil-mija (10%) – biex tagħmel tajjeb għal dan. Bit-Taxxa fuq il-Valur Miżjud din is-somma titla' għal elf, mitejn u tmienja u disgħin euro (€1,298). Għandu jitħallas ukoll kumpens ta' ħamsa u għoxrin ċenteżmu u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€25.48) għall-appoġġ.

"13. Il-qorti, fuq talba tal-atturi, kienet reġgħet ħatret lill-espert ġudizzjarju biex ikompli jirrelata fuq xi danni oħra – xi konsenturi fil-ħitan u fil-madum tal-fond tal-atturi – li l-atturi jgħidu li kienu marbuta mal-liedna li kienet qiegħda xxeblek mal-ħajt diviżorju. L-espert ġudizzjarju wara li reġa mar fuq il-post ħejja t-tieni rapport tieghu[17] u qal illi "fejn f'din ir-relazzjoni jissemma l-kliem '*cracks*', '*settlement cracks*', 'konsenturi', jew 'qsim', wieħed irid jifhem biss li dawn il-*cracks*, qsim *etc.* huma ta' natura ħafifa, illi biex wieħed seta' jarahom tajjeb

[15] *Fol*. 430.
[16] *Fol*. 524.
[17] *Foll*. 483 *et seqq*.

waqt l-aċċess, wieħed kellu jmur viċin ħafna tagħhom u juża *torchlight* biex tgħinu jistabbilixxi aħjar l-estent tal-*crack*/ konsentura"[18]. Għalkemm l-espert ġudizzjarju sab illi effettivament kien hemm dawn il-konsenturi[19], dawn ma kellhomx x'jaqsmu mal-liedna, kif iridu jgħidu l-atturi. Fil-fehma tal-espert ġudizzjarju, "il-ħitan, kemm dak tal-appoġġ kif ukoll dawk kartabum mal-appoġġ, għamlu moviment zgħir 'l isfel (*settlement*). Din hi xi ħaġa normali li tiġri u tkun ftit li xejn ta' konsegwenza għall-bini ... ... ..."[20]. Kompla jgħid illi "jeskludi li dawn il-konsenturi fil-ħitan u *tiles* ċeramika huma b'xi mod dovuti għall-pajpijiet tal-ilma għax f'dan il-kas dawn huma tal-*p.v.c.* (*Acorn*). Is-sottoskritt jeskludi wkoll illi l-għeruq tal-liedna ikkaġunaw il-qsim fit-*tiles* u fil-ħitan"[21] u dan għax "qala' xi biċċiet mil-liedna niexfa u magħha nqala' ukoll iż-żebgħa tar-ramel iżda mkien ma deher li kien hemm xi għeruq deħlin fil-ħitan."[22] L-espert ġudizzjarju għalhekk kien tal-fehma illi "ħsara fil-madum hi dovuta għal *settlement* ħafif fil-ħitan kif jidher tant tajjeb fid-diversi *hairline cracks* li jeżistu fl-area madwar iż-żewġ kmamar tal-banju"[23]. L-espert baqa' tal-istess fehma wkoll wara li saritlu eskussjoni mill-atturi[24].

"14. Il-ħsarat li ġarrbu l-atturi fil-proprjetà tagħhom seħħew minħabba n-nuqqas tal-konvenuti li jżommu ħwejjiġhom fi stat li ma jagħmilx ħsara lill-beni ta' ħaddieħor u n-nuqqas li jżommu l-bogħod li trid il-liġi fl-artt. 437 *et seqq.* tal-Kodiċi Ċivili. Dan joħroġ ċar mill-konklużjonijiet tal-perit. Il-konvenuti għandhom ukoll iħallsu kumpens għall-appoġġ kif igħidu u jridu l-artt. 418(1) u 413 tal-Kodiċi Ċivili."

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha:

"... ... tirriforma l-precitata sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 2011, fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi billi **(a)** waqt li tikkonferma l-parti fejn il-Qorti sabet li l-konvenuti minhabba l-izvilupp li ghamlu fil-fond u nuqqasijiet li jzommu hwejjighom fi stat li ma jaghmilx hsara lill-beni

18 *Fol*. 485.
19 *Fol*. 486.
20 *Fol*. 488.
21 *Fol*. 488.
22 *Fol*. 487.
23 *Fol*. 489.
24 *Fol*. 521.

tal-atturi (para 15.i. tas-sentenza), **(b)** tirriforma l-para. 15.ii tas-sentenza fis-sens li l-ammont ta’ danni, ghandu jinkludi l-ammont ta’ €1,892.45, diga` zborzat mill-atturi bi htija tal-konvenuti, bhala pruvati u li dawn huma responsabbli ghalihom il-konvenuti u li ghandhom jithallsu lill-atturi mill-konvenuti bl-imghax relattiv, **(c)** tirriforma l-para 15.ii ukoll u l-para. 15iii tas-sentenza ghar-rigward l-ammonti kkalkulati mill-ewwel Qorti billi dawn ghandhom jizdiedu minn €1,298 ghal €1,703.16, bil-premessa li jekk ix-xoghol ikollu jigi ezegwit mill-atturi, dan l-ammont jista’ jizdied BISS f’kaz li l-perit tekniku li gie mqabbad jissorvelja x-xoghol jiccertifika li biex effettivament isir meta jsir, l-ammont hemm ikkalkulat ikollu bilfors ikun akbar, u dan dejjem a karigu tal-konvenuti. Illi **(d)** l-ammont imsemmi fil-para. 15iv. tas-sentenza jigi korrett biex jinkludi l-vat u cioe` ghal €29.30 bl-imghax. Illi **(e)** ghar-rigward l-ispejjez (para. 16 tas-sentenza) dawn jigu riformati wkoll billi l-ispejjez tal-kawza ghadhom jigu mhallsa mill-konvenuti biss, bl-imghax, salv ghat-tieni rapport peritali tal-perit tekniku li jkun a spejjez nofs bin-nofs bejn l-atturi u l-konvenut, bl-imghax, waqt li d-drittijiet tal-perit gudizzjarju biex jissorvelja x-xoghlijiet rimedjali jibqghu skont l-istess sentenza a karigu esklussiv tal-konvenuti.

“Bl-ispejjez tal-proceduri tal-appell kontra l-istess konvenuti appellati.”

Rat ir-risposta u l-appell incidentali tal-konvenuti li in forza taghhom, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha:

“... ... tirriforma l-precitata sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Gunju 2011, fil-kawza fl-ismijiet premessi, billi tiddeciedi li:

“1. L-esponenti appellati m’humiex responsabbli ghat-tebgha kemm fil-parti mis-saqaf tal-garage kif ukoll parti mill-hajt tal-istess garage tal-atturi appellant u tordna li m’ghadhomx jigu likwidati jew jithallsu l-ebda danni lill-atturi appellanti f’dan is-sens;

“2. Illi l-qoxra tal-gebel jew bricks imsemmija fil-paragrafu 10(iii) tas-sentenza precitata ghandha titella fuq il-parti tal-appogg li taghti fuq is-salott tal-atturi appellanti u mhux fuq il-parti tal-appogg fejn qabel kien hemm it-tromba tat-tarag tal-esponenti;

> "3. Tordna li x-xoghlijiet f'par (iv) tal-pagna 7 tas-sentenza appellata, jekk jigu kkonfermati li ghandhom isiru, isiru a spejjez tal-atturi appellant u mhux tal-esponenti;
>
> "4. Thassar dik il-parti tas-sentenza dwar l-ispejjez u minflok tiddeciedi li l-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jigu supportati interament u unikament mill-atturi appellanti;

"Filwaqt li tikkonferma mill-bqija s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi tat-30 ta' Gunju 2011."

Rat ir-risposta tal-atturi ghall-appell incidentali tal-konvenuti li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi:

> "… … it-talbiet fl-appell principali tal-attur ghandhom jigu milqugha stante l-kostatazzjonijiet zbaljati u/jew mhux spjegati tal-Qorti tal-Prim'Istanza ma jirriflettux il-provi migjuba u bl-ebda mod ma huma dawn la omissa decisione u inqas u inqas konteggi zbaljati."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Jirrizulta illi l-partijiet huma girien, bil-konvenuti jibnu l-post taghhom qabel dak tal-atturi. Ghal habta tal-1998, il-konvenuti riedu jaghmlu xi alterazzjonijiet strutturali fil-fond taghhom u l-atturi jghidu li konsegwenza ta' dan l-izvilupp sofrew diversi hsarat fid-dar taghhom, u qed jitolbu rifuzjoni tal-ispejjez minnhom inkorsi sabiex wettqu xoghol rimedjali temporanju u/jew biex jimminimizzaw il-hsara, u biex l-istess konvenuti jirrimedjaw ghax-xoghol hazin li wettqu u li qed jikkaguna hsara fil-fond tal-atturi; l-atturi qed jitolbu wkoll hlas ghall-appogg li sar mal-proprjeta` taghhom. L-ewwel Qorti, wara li hatret periti gudizzjarji biex jassistuha fl-indagini taghha, iddecidiet favur l-attui, ordnat lill-konvenuti jwettqu xoghlijiet rimedjali, u fin-nuqqas li jwettqu dawn ix-xoghlijiet fi zmien xahrejn, awtorizzat lill-atturi jwettqu l-istess xoghlijiet huma, bil-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' elf, mitejn u tmienja u disghin Euro (€1,298) ghan-nefqa; bhala hlas ghall-appogg ordnat il-hlas ta' hamsa u ghoxrin Euro u tmienja u erbghin centezmi (€25.48).

Mill-partita relattiva ghall-appogg, ma appellat ebda naha, pero`, mill-bqija tas-sentenza appellaw iz-zewg nahat. L-atturi appellaw principalment u qed jilmentaw (i) mill-fatt li ma saritx likwidazzjoni u kundanna ghall-hlas ta' dak li nefqu l-atturi meta ghamlu xoghol rimedjali huma stess; (ii) mill-*quantum* tan-nefqa, (iii) il-kwistjoni tal-VAT u (iv) mill-*capo spese*. Il-konvenuti appellaw incidentalment fuq tliet partiti tal-allegat hsara li ghalihom jghidu li ma humiex responsabbli.

Trattat l-ewwel l-appell principali tal-atturi, din il-Qorti tara li dawn ghandhom ragun fit-tliet ilmenti taghhom. L-atturi, fil-premessi taghhom, irrilevaw mhux darba illi huma kienu qed jippretendu rifuzjoni tal-ispejjez minnhom inkorsi sabiex wettqu xoghol rimedjali temporanji u/jew ta’ emergenza biex jimminimizzaw id-danni, u fit-talbiet taghhom talbu l-hlas ta’ dawk id-danni kollha li kienu rizultat tax-xoghlijiet li twettqu mill-konvenuti. Filwaqt li l-ewwel Qorti laqghet it-talbiet tal-atturi u sabet lill-konvenuti responsabbli ghall-hsarat li garrab il-fond tal-atturi, illimitat il-likwidazzjoni tad-danni ghan-nefqa mehtiega biex tigi rrangata l-hsara li kien ghad fadal fil-fond tal-atturi, u ma qisitx ukoll id-danni li l-atturi kienu diga` sofrew u li rrangaw a spejjez taghhom. Il-Qorti giet mitluba tillikwida dawn l-ispejjez bhala danni inkorsi u tordna r-refuzjoni. L-ispejjez inkorsi gew ikkonfermati mill-attur u kkorraborati mix-xhieda u dokumenti relattivi.

Dawn id-danni jkopru s-segwenti somom: tmien mija u sitta u disghin Euro u tlieta u tmenin centezmi (€896.83) spejjez fil-katusi tal-atturi, wiehed u tmenin Euro u tlieta u hamsin centezmi (€81.53) ghat-tiswija temporanja fil-*plumbing* tal-konvenuti, tliet mija, disgha u erbghin Euro u wiehed u erbghin centezmi (€349.41) ghall-*bricks* li ttellghu b’mod temporanju fil-kamra tal-pranzu tal-atturi, hames mija u seba’ Euro u tmenin centezmi (€507.80) spejjez inkorsi biex jittranga hajt wara xoghlijiet li wettqu l-konvenuti, u sitta u hamsin Euro u

tmienja u tmenin centezmi (€56.88) ghall-*membrane* biex iwaqqaf certu hsarat. L-ammont totali li, allura l-konvenuti jridu jhallsu lill-atturi huwa ta' elf, tmien mija, tnejn u disghin Euro u hamsa u erbghin centezmi (€1,892.45).

Kwindi, l-ewwel ilment tal-atturi ghandu jigi milqugh.

Fil-kuntest tat-tieni ilment, marbut mal-likwidazzjoni tan-nefqa, jidher veru li sar zball mill-ewwel Qorti. Dan ghaliex l-ewwel Qorti ghamlet taghha l-ammonti tal-perit b'zieda ta' ghaxra fil-mija, meta fil-fatt l-ammonti kienu in parte gew riveduti, meta l-perit xehed in eskussjoni. Partita partikolari giet stmata mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmi (€232.94), izda meta xehed il-perit wara li dan ghamel it-tieni access tieghu, hu stess irreveda din il-partita u xehed li stima aktar reali kellha tkun ta' hames mija, tnejn u tmenin Euro u erbgha u tletin centezmi (€582.34). B'hekk, mal-likwidazzjoni tan-nefqa ghandha tizdied is-somma ta' tliet mija, disgha u erbghin Euro u erbghin centezmi (€349.40) [€582.34 – €232.94]. Jekk mal-figura riveduta wiehed izid 10% li ordnat il-Qorti bhala kontingenza, is-somma ghan-nefqa – li ghandha tithallas mill-konvenuti jekk ma jwettqux huma stess ix-xoghlijiet rimedjali – titla' ghall-elf, seba' mija u tliet Euro u sittax-il centezmi (€1,703.16) (inkluz VAT). Kwindi, dan it-tieni ilment tal-atturi ghandu koll jigi milqugh.

Fir-rigward tal-ilment marbut mal-apporzjonament li ghamlet l-ewwel Qorti dwar l-ispejjez tal-kawza, huwa principju maghruf li l-Qorti ghandha diskrezzjoni tqassam l-ispejjez tal-kawza mhux biss skont il-proporzjon tar-rebh u t-telf fil-kawza, izda anke billi tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi ohra, fosthom id-dewmien zejjed li parti f'kawza jkun ta' lok ghalih. Din il-Qorti tapprezza li l-atturi tellghu hafna provi, pero`, ma tqishomx irrilevanti ghax kienu mehtiega biex jixhdu dwar il-hsarat sofferti u l-ispejjez inkorsi, b'hafna minnhom kien jehtiegilhom jixhdu biex jikkonfermaw l-*invoices*, ircevuti u hlasijiet li sar lilhom. Itellghu wkoll l-erba' periti li qabbdu l-konvenuti u dan biex jixhdu dwar ix-xoghlijiet li saru, fuq il-hsarat li sehhew fil-fond tal-atturi, u fuq l-ispejjez li kellhom johorgu l-atturi biex temporanjament jirrimedjaw ghad-danni. Meta tqis li l-atturi ghalqu l-provi taghhom kollha f'seduta wahda ta' saghtejn, u l-konvenuti hadu tlieta u tletin (33) seduta fuq medda ta' disa' (9) snin biex jaghlqu l-provi taghhom, din il-Qorti ma tarax li ghad-dewmien tal-kawza jahtu l-istess atturi. Dawn il-provi kienu mehtiega biex l-atturi jikkoroboraw il-pretensjoni taghhom ghar-reimbors tal-ispejjez li hargu huma, u biex jippruvaw x'tip ta' xoghlijiet saru mill-konvenuti fil-fond taghhom. Il-fatt li l-atturi riedu wkoll iserrhu rashom fuq *hairline cracks* li bdew jidhru fil-fond taghhom, u saret perizja ulterjuri, ma jistax jittiehed kontra l-atturi fid-dawl tal-esperjenza li dawn kellhom fir-relazzjonijiet mal-konvenuti. Il-fatt li r-rizultanzi ma tawx ragun lill-atturi, ghandu, pero`, jittiehed in konsiderazzjoni.

Din il-Qorti kwindi tara' li ghandu jsir aggustament fil-mod kif l-ewwel Qorti qasmet il-hlas tal-ispejjez tal-kawza.

Din il-Qorti sejra issa titratta l-appell incidentali tal-konvenuti. L-ewwel ilment taghhom huwa marbut mal-fatt li, skont huma, ma kellhomx jinstabu responsabbli ghall-hsara fis-sistema tad-drenagg peress li ma hemmx prova li dan kien difettuz min-naha taghhom. Din il-Qorti tirrileva li l-konkluzjoni fir-rigward tal-ewwel Qorti kienet isserrah fuq opinjoni ta' perit tekniku indipendenti nominat mill-Qorti, u stante ta' konkluzjoni teknika, ghamlet sew l-ewwel Qorti li strahet fuqu meta ma giex muri lilha raguni soda biex tiddipartixxi mill-konkluzjoni tieghu. Oltre dan, l-istess umdita` fis-saqaf tal-*garage* tal-atturi u f'parti mill-hajt waqaf biss meta l-istess konvenuti rrangaw il-katusi miksurin taghhom, qalu li kienu ghalqu l-katusi li kienu jaghtu ghal fuq l-atturi u saru katusi godda n-naha l-ohra. Meta tqis ukoll li l-fond tal-konvenuti huwa f'livell oghla minn dak tal-atturi, hu ovvju li l-umdita` tiskula minn fuq ghall-isfel, cioe`, fis-semi-basement tal-atturi.

Fit-tieni lok, il-konvenuti jilmentaw dwar il-fatt li gew ordnati jtellghu hajt qoxra ma' hajt singlu fuq in-naha taghhom; jghidu wkoll li l-atturi wettqu huma xoghol ta' protezzjoni fuq il-hajt singlu, u jekk dan sar hazin, m'ghandhomx ibatu l-konsegwenzi huma. Kif tajjeb jispjegaw l-atturi, pero` x-xoghol li wettqu huma kien xoghol temporanju peress illi, fi bnadi, il-hajt singlu, espost ghall-elementi

mill-konvenuti, thalla b'hxuna ta' tlieta jew erba' pulzieri u kien jidhol l-ilma tax-xita. Darba li dak il-hajt, issa singlu, inkixef mill-konvenuti, ix-xoghol rimedjali jrid isir mill-konvenuti li ma jistghux japprofittaw ruhhom minn dak li ghamlu l-atturi biex jippruvaw jimminimizzaw il-hsara, kif inhu obbligu taghhom li jaghmlu.

Ovvjament hemm diversi modi kif wiehed jista' jipprotegi hajt singlu mill-umdita` pero`, il-perit tekniku nominat mill-ewwel Qorti ssugerixxa li, fil-kaz ghandu jitella hajt bhala qoxra fuq in-naha tal-konvenuti, u din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, ma tarax li ghandha tiskarta din l-opinjoni teknika. Zgur li ma jkunx gust jekk din il-qoxra titella' fuq in-naha tal-atturi, meta kienu l-istess konvenuti li taw lok ghad-danni inkwistjoni. Il-fatt li l-konvenuti ghamlu certi tizjin u gost fuq dan il-hajt mhux ta' ghajnuna ghall-konvenuti, ghax, kif inghad, meta kixfu l-hajt ghall-elementi, kellhom dmir jipproteguh, haga li ma ghamlux.

Fil-kuntest tat-tielet ilment tal-konvenuti, jirrizulta illi meta l-konvenuti ghamlu xoghlijiet fil-fond taghhom, dawk lamentati mill-atturi, ghollew b'diversi filati l-livell originali tal-hamrija fil-gnien, u appoggawh mal-hitan tal-atturi, b'mod li beda jidhol l-ilma ghand l-atturi. Hu minnu li l-atturi bnew wara l-konvenuti, u kellhom huma jiehdu hsieb li jipprotegu d-dar taghhom mill-umdita`, pero`, meta l-konvenuti ghollew il-livell tal-hamrija, irrendew il-prekawzjonijiet li hadu l-atturi bit-tqeghid tal-qatran inutili.

Din il-Qorti, ma tarax, allura li l-ilmenti tal-konvenuti, kif kontenuti fl-appell incidentali taghhom ghandhom jigu akkolti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell incidentali tal-konvenuti billi tichad l-istess, u tiddisponi mill-appell principali tal-atturi billi tilqa' l-istess u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tikkonfermaha b'dan illi (i) fit-tielet decide, il-hlas li ghandu jsir biex taghmel tajjeb ghan-nefqa ghandu jkun ta' elf, seba' mija u tliet Euro u sittax-il centezmi (€1,703.16) u mhux elf, mitejn u tmienja u disghin Euro (€1,298) kif stabbiliet l-ewwel Qorti; (ii) tordna lill-konvenuti in solidum ihallsu lill-atturi s-somma ta' elf, tmien mija, tnejn u disghin Euro u hamsa u erbghin centezmi (€1,892.45) bhala rifuzjoni tal-ispejjez inkorsi mill-atturi u (iii) it-terminu ta' xahrejn imposti fuq il-konvenuti biex fihom isiru x-xoghlijiet ordnati jibdew jiddekorru mil-lum.

L-ispejjez tal-kawza in prim istanza jithallsu kwantu ghal kwint ($^{1}/_{5}$) mill-atturi u erba' kwinti ($^{4}/_{5}$) mill-konvenuti, filwaqt li l-ispejjez kollha marbuta mal-kaz quddiem din il-Qorti jithallsu mill-konvenuti, f'kull kaz in solidum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------